Kunsill Lokali Ħal Balzan

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Balzan

# L-GĦAXAR LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 23

Data tal-laqgħa: 28 ta' April 2026

Il-Kunsill Lokali Ħal Balzan iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 7/9, Triq Dun Spir Sammut, Ħal Balzan, fil-5.00 ta' filgħaxija.

### PREŻENTI:

Dr Angelo Micallef – Sindku (AM)
Edward Grech – Viċi Sindku (EG)
Annalise Galea – Kunsillier (AG)
Mary Louise Briffa – Kunsillier (MLB)
Dr Oliver Nicholas De Gaetano – Kunsillier (ONDG)

### ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (4):

Ma kien hemm ebda membru assenti b'apoloġija.

### ASSENTI:

Ma kien hemm ebda membru assenti.

### UFFIĊJAL PREŻENTI:

Doriette Farrugia – Segretarju Eżekuttiv (SE)

## Minuti

Is-Sindku AM ippresjeda l-laqgħa.

## 23.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

23.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

## 23.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

23.2.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqegħdu l-Minuti tal-Laqgħa Nru. 22 u ta' Laqgħa tal-Lokalità Nru. 4. Kopja tal-minuti ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

23.2.2 Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezzjoni tal-minuti. Fuq proposta tal-Viċi Sindku EG, li kien issekondat mill-Kunsillier ONDG, il-minuti ġew approvati.

**F'dan il-ħin (5.01pm) il-Kunsillier AG daħlet għal-laqgħa.**

## 23.3 Punti li joħorġu mill-Minuti

23.3.1 Para 4.6.2 – Laqgħa tal-Lokalità Nru. 4 – Servizz tal-ġbir ta' skart
Is-Sindku informa li s-suġġett ġie diskuss waqt il-laqgħa tar-Reġjun Tramuntana, fejn bħala Reġjun intbagħtet email lill-kuntrattur bil-lista tan-nuqqasijiet kollha elenkati.

23.3.2 Para 4.6.2 – Laqgħa tal-Lokalità Nru. 4 – Talba biex issir mera fi Triq il-Papa Alessandru VII biex jaraw huma u ħerġin mill-garaxx
Is-SE infurmat li fil-passat, il-Kunsill kien diġà qabel li ssir il-mera għas-spejjeż tagħhom. Jidher li din baqgħet ma saritx minħabba nuqqas tal-amministratur tal-kumpless tal-garaxxijiet. Jekk insibu d-dettalji tal-amministratur, ser inkunu qed niktbulu formalment sabiex din il-kwistjoni tiġi indirizzata.

23.3.3.1 Para 22.3.3 - Dawl dekorattiv mas-siġar tal-pjazza
Is-SE infurmat lix-xogħol tlesta. Ġie nnutat li l-ewwel riflettur min-naħa ta' fuq qed jixgħel kulur ħażin. Is-Sindku se jirranġah.

23.3.3.2 Il-Viċi Sindku EG issuġġerixxa li jsir xi tip ta' *fencing* madwar il-konok. Il-Kunsill qabel.

23.3.4 Para 22.3.7 - *Telephone Box* fi Pjazza Bertu Fenech
Is-SE infurmat li għad irid jiġi ordnat l-ixkaffar. Il-Kunsill talab li għalissa tiġi msakkra.

23.3.5 Para 22.8.5 - *Road Markings* fi Triq l-Għerusija
Is-SE infurmat lir-*road markings* saru.

## 23.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

23.4.1 *European Week of Regions*
Is-Sindku informa li l-*European Week of Regions* fi Brussel din is-sena se ssir bejn il-11 u l-15 ta' Ottubru 2026. Ir-Reġjun se jiffinanzja t-titjira u l-akkomodazzjoni ta' delegat wieħed minn kull Kunsill. Is-Sindku stieden lill-Kunsilliera biex min hu interessat jinforma lis-SE sal-aħħar ta' din il-ġimgħa.

23.4.2.1 Xogħlijiet li qed isiru minn l-Enemalta plc fi Triq il-Ferrovija l-Qadima
Is-Sindku informa li tkellem mal-Enemalta plc peress li ġie nnutat lix-xogħol kien waqaf. Ġie mwiegħed li resurfacing se jsir matul it-tieni ġimgħa ta' Mejju.

23.4.2.2 Dwar ix-xogħlijiet li se jsiru fi Triq il-Kbira, se ninfurmawhom biex isiru wara l-festa.

23.4.3.1 CCTV ġdida fi Triq il-Kbira k/m Triq San Franġisk
Is-Sindku irrefera għal CCTV *camera* li ġiet imwaħħla fejn il-*pharmacy.* Din hija waħda minn ħames *cameras* li qed jiġu installati permezz ta' Skema Finanzjarja li minnha bbenefika l-Kunsill. Hemm tħassib fost numru ta'

ġenituri tat-tfal li jattendu l-iskola f'dik iż-żona, minħabba l-possibbiltà ta' multi li jistgħu jingħataw meta jwasslu jew jiġbru lit-tfal mill-iskola.

F'dan il-ħin (5.15pm) il-Kunsillier MLB daħlet għal-laqgħa.

23.4.3.2 Il-Kunsill iddiskuta u kien hemm qbil li jiġi propost li l-infurzar isir meta jinqabżu għaxar (10) minuti ta' waqfien jew stennija.

23.4.4 Talba biex isir *boundary wall* fi Triq il-Ferrovija l-Qadima

Saret referenza għal talba biex isir *boundary wall* quddiem 95, 97, 99. Il-Kunsill iddiskuta u rrimarka li preżentament hemm numru ta' *boundary walls* fit-triq. Għandna naraw li ma jtellifx it-traffiku.

23.4.5.1 117, Triq il-Kbira

Is-Sindku informa li rċieva numru ta' ilmenti relatati ma' avveniment li seħħ f'din il-proprjetà, fejn indaqqet mużika qawwija ħafna minn filgħodu sa filgħaxija. Tqajjem tħassib fost ir-residenti li tali attivitajiet jistgħu jsiru b'mod regolari.

23.4.5.2 Is-Sindku irrefera wkoll għal risposta li rċieva resident mill-MTA, fejn ġie kkonfermat li l-proprjetà inkwistjoni hija liċenzjata biex topera bħala *holiday furnished premises*.

23.4.5.3 Kien hemm qbil li tintbagħat *email* lis-Superintendent tad-distrett sabiex jiġi nfurmat li din il-proprjetà hija liċenzjata biex topera bħala *holiday furnished premises*, iżda mhux biex isiru attivitajiet fiha.

## 23.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

23.5.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet tal-Kunsilliera.

## 23.6 Rapporti

23.6.1.1 Rapport Finanzjarju għall-ewwel kwart minn Jannar sa Marzu 2026

Is-SE ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill ir-Rapport Finanzjarju għall-ewwel kwart li jkopri l-perjodu minn Jannar sa Marzu 2026. Kopja ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa. Is-SE tat xi spjegazzjonijiet lill-Kunsill.

23.6.1.2 Fuq proposta tal-Viċi Sindku EG, li kien issekondat mill-Kunsillier MLB, dan ir-rapport ġie approvat unanimament.

23.6.2 *Tender for the Cleaning, Upkeep and Maintenance of Public Gardens and Soft Areas in Ħal Balzan using Environmentally Friendly Products and Practices* – BLC 06/2025 - Aġġudikazzjoni

Is-SE ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill ir-rapport tal-Evalwazzjoni tat-Tender BLC 06/2025. Il-Kunsill unanimament qabel li jilqa' ir-rakkomandazzjoni tal-Bord tal-Evalwazzjoni li għandhom jintgħażlu l-irħas żewġ offerti ta' Green Ivy Cleaning Services u Mark Taliana Gardening, u għaldaqstant dan ir-rapport ġie approvat. Bħal dan il-każ, meta żewġ offerenti jiġu ndaqs, it-*tender* jinqasam bejn iż-żewġ *bidders*, b'kull wieħed minnhom iwettaq is-servizz għal perjodu ta' sentejn.

23.6.3 *Tender for Works in Triq il-Qarċilla, Ħal Balzan* – BLC 01/2026 - Aġġudikazzjoni

Is-SE ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill ir-rapport tal-Evalwazzjoni tat-Tender BLC 01/2026. Il-Kunsill unanimament qabel li jilqa' ir-rakkomandazzjoni tal-Bord tal-Evalwazzjoni li għandha tingħażel l-irħas offerta ta' LBA Ltd u għaldaqstant dan ir-rapport ġie approvat.

## 23.7 Skemi Finanzjarji

23.7.1 Ċirkulari Nru SPI/SCI/02/2026 – Finanzjament – Lokalitajiet aktar nodfa

Is-SE ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill l-applikazzjoni għal skema SPI/SCI/02/2026. Il-Kunsill permezz ta' riżoluzzjoni unanimament approva li jissottometti l-applikazzjoni.

23.7.2 Ċirkulari Nru SPI/SCI/03/2026 – Finanzjament – Milied 2026

Is-SE ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill l-applikazzjoni għal skema SPI/SCI/03/2026 li tinkludi d-dettalji tal-attività 'Il-Milied f'Ħal Balzan', li qed tiġi ppjanata li ssir nhar il-Ħadd, 27 ta' Diċembru 2026. Jekk l-applikazzjoni tiġi approvata, l-iskema ser tkun qed tkopri 85% tal-ispiża. Il-Kunsill permezz ta' riżoluzzjoni unanimament

approva li jissottometti l-applikazzjoni. Il-Kunsill approva wkoll li jiffinanzja 15% tal-ispiża.

## 23.8 Jum Ħal Balzan 2026

23.8.1 Din l-*item* se tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss.

## 23.9 Xogħlijiet minn Infrastructure Malta

23.9.1 Is-Sindku informa lill-Kunsill b'laqgħa li kellu ma' IM fejn ġew diskussi numru ta' punti.

23.9.2.1 *Stormwater Culvert* f'Wied Ħal Balzan
Ir-rappreżentanti ta' IM infurmawh li l-isprall sfronda minħabba li, kull meta jfur id-drenaġġ waqt ix-xita, l-ilma qed jidħol taħt it-*tarmac*, u mhux minħabba xogħol difettuż meta saret it-triq. Huma spjegaw ukoll li, jekk il-problema ma tiġix solvuta, hemm riskju li jisfrondaw ukoll l-ispralli l-oħra kif ukoll it-tappiera li tinsab aktar 'l isfel.

23.9.2.2 Ir-rappreżentanti talbu lill-Kunsill sabiex jintbagħtu d-dettalji lill-uffiċjal ta' IM responsabbli minn kwistjonijiet relatati mal-KL, sabiex tinkiseb l-approvazzjoni tas-CEO biex jitranġa l-isprall. Id-dettalji ntbagħtu qed nistennew risposta.

23.9.2.3 Skont stima li nġabet, it-tiswija tal-isprall hija stmata li se tiswa madwar €18,000. Madankollu, huwa magħruf li, jekk il-problema ewlenija tibqa' ma tiġix indirizzata, hemm probabbiltà li l-isprall jerġa' jisfronda fi żmien qasir. Ġie enfasizzat li, qabel il-bidu tax-xitwa, l-isprall irid ikun ġie rranġat.

23.9.2.4 Il-Kunsill se jagħti ċans sal-aħħar ta' Mejju sabiex tingħata risposta. Fil-każ li ma tasal ebda risposta sa dak iż-żmien, il-Kunsill se jipproċedi sabiex iwettaq it-tiswijiet meħtieġa u sussegwentement jiftaħ *claim* permezz tal-avukat tiegħu.

23.9.3.1 Triq il-Kbira
Waqt il-laqgħa r-rappreżentanti ta' IM infurmaw lis-Sindku li, x-xogħol fi Triq il-Kbira għadu ma sarx minħabba li WSC għandhom il-ħtieġa li jibdlu s-sistema kollha tad-drenaġġ u jimplimentaw *stormwater relief system*. Ġie indikat li dawn ix-xogħlijiet huma stmati li jiswew madwar €1.2M, filwaqt li l-proġett kollu, inkluż ir-*resurfacing* tat-triq, huwa stmat bejn €1.6M u €1.8M.

23.9.3.2 Ġie spjegat ukoll li IM mhux se jerfgħu proġett fejn il-maġġoranza tal-ispiża hija relatata ma' entità oħra. Għaldaqstant, ix-xogħol relatat mas-sistema tad-drenaġġ irid jitwettaq minn WSC, sabiex wara IM jkunu jistgħu jwettqu r-*resurfacing* tat-triq.

23.9.3.3 Is-Sindku talab lir-rappreżentanti sabiex dawn id-dettalji jintbagħtu bil-miktub, biex il-Kunsill ikun jista' jiddiskuti l-kwistjoni ma' WSC.

23.9.3.4 Apparti minn hekk, IM qed jistmaw li x-xogħol kollu jieħu madwar sentejn sabiex jitlesta. Ġie indikat ukoll li, minħabba li t-triq hija dejqa, ser ikun hemm perjodi fejn ma jkunx hemm aċċess fit-triq.

23.9.4 Pjan ta' toroq għas-snin li ġejjin
Fir-rigward tal-*batch* ta' toroq li jmiss li ser jitwettqu minn IM, ġie mitlub li l-Kunsill jissottometti lista tat-toroq li għandhom bżonn isiru, skont l-ordni ta' prijorità. Il-Kunsilliera se jiftiehmu fuq il-lista ta' toroq biex din tintbagħat lil IM.

## 23.10 *Traffic Management* fi Triq il-Kannizzata

23.10.1 Din l-*item* se tiġi diskussa fil-laqgħa ta' Ġunju 2026.

## 23.11 Ilmenti u *Items* oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill

23.11.1 Kwotazzjonijiet biex jinxtraw *bins* ġodda għall-*playing field*
Is-SE ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill kwotazzjonijiet biex jinxtraw erba' (4) *bins* għall-*playing field*. Il-Kunsill unanimament approva it-tieni l-irħas offerta ta' Gokker Ltd, għax il-*bin* huwa bl-għatu.

23.11.2 *Claim No.* 02/2026

Qed jintalab kumpens għal ħsara li ġarrab f'*tyre* tal-vettura fit-28/03/2026 minħabba sprall sfrundat f'Wied Ħal Balzan. Din il-ħsara tammonta għal €110. Il-Kunsill approva t-talba.

23.11.3 *Claim No.* 03/2026

Qed jintalab kumpens għal ħsara li ġarrab f'*tyre* tal-vettura fit-28/03/2026 minħabba sprall sfrundat F'Wied Ħal Balzan. Din il-ħsara tammonta għal €235. Il-Kunsill approva t-talba.

23.11.4 *Claim No.* 04/2026

Qed jintalab kumpens għal ħsara li ġarrab f'*tyre* tal-vettura fis-27/03/2026 minħabba sprall sfrundat f'Wied Ħal Balzan. Din il-ħsara tammonta għal €275.63. Il-Kunsill approva t-talba.

23.11.5 Talba biex tiġi rilaxxata l-garanzija bankarja - Benrikville

Is-SE infurmat li l-iżviluppatur lest li jagħti kumpens ta' €3,000 għal ħsara li setgħet saret lit-triq bil-makkinarju tal-kostruzzjoni. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li nipproponu li jingħata kumpens ta' €4,000 bil-għan li naslu għal ftehim.

23.11.6 Triq Patri Ġużeʼ Delia k/m Triq San Franġisk

Resident ressaq ilment li, minflok ma saret *MC Bay* kif kien talab hu, tqiegħdet *planter* fil-post inkwistjoni. Ġie spjegat li l-*planter* saret fuq talba ta' residenta oħra sabiex ma jibqgħux jipparkjaw vetturi viċin il-garaxx tagħha, peress li kienu qed jostakolaw l-aċċess. Ġie nnutat ukoll li r-residenta ma kinitx qablet mal-proposta li ssir *MC Bay* f'dik iż-żona. Wara diskussjoni, il-Kunsill qabel li l-*planter* għandha tibqa' hemm.

## 23.12 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

23.12.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqegħdet l-iskeda ta' pagamenti nru. 04/26, li tinkludi l-ammont ta' €65.37c bħala *Petty Cash* għax-xahar ta' Marzu 2026.

23.12.2 L-iskeda ta' pagamenti kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Kunsillier MLB li kienet issekondata mill-Kunsillier AG. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet.

**F'dan il-ħin (6.04pm) ġiet sospiża l-laqgħa għal ftit minuti. Il-laqgħa tkompliet fis-6.06pm.**

## 23.13 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

23.13.1 Il-laqgħa ntemmet fis-6.07pm.

23.13.2 Unanimament kien hemm qbil li l-laqgħa li jmiss se ssir nhar il-Ħamis, 21 ta' Mejju 2026 fit-8.00am.

Konfermati, il-Ħamis, 21 ta' Mejju 2026.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Dr Angelo Micallef<br>Sindku | Doriette Farrugia<br>Segretarju Eżekuttiv |